Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Novembru 2014
(OR. en)

15206/14

FREMP 198
JAI 846
COHOM 152
POLGEN 156

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Niżguraw ir-rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

I. INTRODUZZJONI

1. L-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha ħadu l-impenn li jippromwovu l-valuri tal-UE, inkluż ir-rispett għall-istat tad-dritt, skont it-Trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

2. L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali li jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri kollha tal-UE u wieħed mill-valuri ewlenin li fuqhom hija bbażata l-Unjoni.

3. Din l-inizjattiva tiffoka aktar speċifikament fuq ir-rispett għall-istat tad-dritt li huwa element essenzjali tal-identità tal-Unjoni Ewropea.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

4. L-Artikolu 7 TUE jistabbilixxi proċeduri biex jiġi żgurat ir-rispett għall-istat tad-dritt u għall-valuri fundamentali msemmija fl-Artikolu 2 TUE fl-Unjoni.

5. Il-Kunsill għandu rwol importanti fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 (1) TUE. Billi jaġixxi b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħames membri tiegħu, huwa *"jista' jikkonstata li hemm riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2"*. Il-Kunsill jista' jaġixxi *"fuq proposta motivata minn terz tal-Istati Membri, mill-Parlament Ewropew jew mill-Kummissjoni Ewropea"* u *"wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew"*. Qabel ma jagħmel kostatazzjoni bħal din, il-Kunsill *"għandu jisma' l-Istat Membru inkwistjoni u jista' jagħmillu rakkomandazzjonijiet, skont l-istess proċedura"*.[1] Barra minn hekk, il-Kunsill għandu jivverifika regolarment jekk ir-raġunijiet li għalihom tkun saret il-kostatazzjoni tiegħu għadhomx validi. Bħala rimedju *ultima ratio*, f'każ ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membri tal-valuri tal-Unjoni, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 (3) TUE, il-Kunsill jista' jissospendi ċerti drittijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati għall-Istat Membru inkwistjoni, inklużi d-drittijiet għall-vot tar-rappreżentant tal-gvern ta' dak l-Istat Membru fil-Kunsill.

6. Hemm diversi organizzazzjonijiet jew istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali li qed jiżviluppaw u jimplimentaw l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. B'mod partikolari l-Kunsill tal-Ewropa, inkluża l-Kummissjoni ta' Venezja tiegħu, in-Nazzjonijiet Uniti u l-OSKE għandhom rwol importanti fid-definizzjoni tal-prinċipji li jirriżultaw mill-istat tad-dritt, fil-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji u fil-monitoraġġ tal-konformità magħhom fil-livell nazzjonali. Il-Memorandum ta' Qbil (MtQ) tal-2007 bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-istati tal-UE jiddikjara li l-Kunsill tal-Ewropa ser jibqa' l-punt ta' riferiment għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija fl-Ewropa. Il-MtQ ikompli jiggwida u jagħti struttura lis-sħubija bbażata fuq il-valuri bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-UE.[2]

---

1 Artikolu 7 (1) TUE.

2 http://www.coe.int/t/der/docs/MoU_EN.pdf.

7. Il-Ministri tal-Affarijiet Barranin tad-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Pajjiżi l-Baxxi bagħtu ittra lill-President tal-Kummissjoni u l-Presidenza fis-6 ta' Marzu 2013, u qajmu l-possibbiltà li jiġi esplorat mekkaniżmu ġdid biex jiġu salvagwardjati l-istat tad-dritt u valuri fundamentali oħrajn fl-Unjoni Ewropea. L-ewwel diskussjoni komprensiva dwar is-suġġett saret fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-22 ta' April 2013.[3]

8. Fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ddikjara li "*r-rispett tal-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali*" u appella lill-Kummissjoni biex *"tmexxi 'l quddiem id-dibattitu, f'konformità mat-Trattati, dwar il-ħtieġa possibbli għal metodu kollaborattiv u sistematiku biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, u l-għamla ta' dan il-metodu*".[4]

9. Fl-2013 u fl-2014, il-Parlament Ewropew appella diversi drabi lill-istituzzjonijiet tal-UE kollha biex iniedu riflessjoni u dibattitu konġunti dwar kif l-Unjoni għandha tkun mgħammra bl-għodod neċessarji biex twettaq l-obbligi tagħha skont it-Trattat dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, waqt li tevita kwalunkwe riskju li jiġu applikati standards doppji fost l-Istati Membri tagħha u enfasizza l-importanza li tiġi żgurata konformità kontinwa mal-valuri fundamentali tal-Unjoni u mar-rekwiżit tad-demokrazija u l-istat tad-dritt.[5]

10. Fil-11 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt [6]. Il-Qafas jiddeskrivi kif il-Kummissjoni biħsiebha teżamina, fi stadju preliminari, jekk hemmx raġunijiet li għalihom tuża s-setgħa tagħha li toħroġ proposta motivata skont l-Artikolu 7 (1) jew 7 (2) TUE. Il-Komunikazzjoni hija bla ħsara għas-setgħat tal-Kummissjoni li tniedi proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE f'każ ta' ksur li jaqa' fl-ambitu tal-liġi tal-UE.[7]

---

3 Stqarrija għall-istampa, it-3235 laqgħa tal-Kunsill, Affarijiet Ġenerali, il-Lussemburgu, 22 ta' April 2013.

4 Dok.10168/13.

5 Diversi riżoluzzjonijiet tal-PE tal-2013 u l-2014 jistabbilixxu diversi rakkomandazzjonijiet lill-istituzzjonijiet tal-UE dwar kif isaħħu l-protezzjoni tal-Artikolu 2 TUE - ara wkoll http://www.europarl.europa.eu/RegData/seance_pleniere/textes_adoptes/provisoire/2014/03-12/0231/P7_TA-PROV(2014)0231_EN.pdf

6 Dok. 7632/1/14 REV 1; 7632/14 ADD 1.

7 COM(2014) 158 final, p. 5.

11. Fit-18 ta' Marzu 2014, il-Kunsill Affarijiet Ġenerali ħa nota ta' preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Komunikazzjoni tagħha dwar l-istat tad-dritt. Il-Kunsill kellu skambju preliminari ta' fehmiet u qabel li jerġa' lura għall-kwistjoni.[8]

12. Fis-27 ta' Mejju 2014, waqt li wieġeb għal diversi mistoqsijiet legali li kienu tqajmu fil-Kunsill, is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ opinjoni legali[9] li fiha huwa esplora r-restrizzjonijiet legali fir-rigward ta' kwalunkwe mekkaniżmu tal-UE tal-Istat tad-Dritt. Essenzjalment, skont din l-opinjoni, l-istat tad-dritt japplika bħala valur tal-UE fl-oqsma li fihom l-UE għandha kompetenza u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tal-UE huma possibbli sa dan il-punt. Is-SLK fakkar li *"ma hemmx bażi legali fit-Trattati li tagħti s-setgħa lill-istituzzjonijiet biex joħolqu mekkaniżmu ta' superviżjoni ġdid tar-rispett tal-istat tad-dritt mill-Istati Membri, minbarra dak stipulat fl-Artikolu 7 TUE"*. Is-Servizz Legali tal-Kunsill speċifika wkoll li, fil-każ li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu bi ftehim internazzjonali, *"il-possibbiltà li l-Unjoni tuża s-setgħat previsti fl-Artikolu 7 TUE u l-Artikoli 258, 259 u 260 TFUE ma għandhiex tiġi affettwata"*.

13. Skont il-programm ta' ħidma ta' 18-il xahar tas-17 ta' Ġunju 2014, imħejji mill-Presidenza Taljana flimkien mal-Presidenza Latvjana u dik Lussemburgiża futuri u r-Rappreżentant Għoli [10], approvat mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali, *"l-UE għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-qafas universali l-ġdid, li għandu jkun ibbażat fuq it-tliet dimensjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli (ekonomika, soċjali, ambjentali) u għandha wkoll tintegra l-kwistjonijiet marbuta mal-governanza, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-soċjetajiet paċifiċi"*[11].

---

8 Stqarrija għall-istampa, it-3306 laqgħa tal-Kunsill, Affarijiet Ġenerali, Brussell, 18 ta' Marzu 2014.

9 Dok. 10296/14.

10 Dok. 11258/1/14

11 Dok. 11258/1/14.

Il-Kunsill ikkonferma, b'mod partikolari, li fid-dimensjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali tiegħu l-UE jibqa' l-ankra għar-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali għal bosta pajjiżi terzi. Sabiex tkun kredibbli f'dan ir-rigward, il-konformità sħiħa mal-istat tad-dritt għandha tkun żgurata, l-ewwel u qabel kollox, fl-UE. Huwa għalhekk li fil-programm ta' ħidma tiegħu hemm iddikjarat li *"l-Kunsill ser jakkumpanja mill-qrib l-iżviluppi futuri ta' qafas ġdid biex isaħħaħ l-Istat tad-Dritt li għandu l-għan jirriżolvi theddid sistemiku futur għall-Istat tad-Dritt fl-Istati Membri qabel ma jintlaħqu l-kondizzjonijiet biex jitħaddem il-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 7"*.[12]

III. PUNTI TA' DISKUSSJONI

14. Abbażi ta' dan, il-Presidenza Taljana tixtieq tagħmel progress fid-diskussjonijiet dwar ir-rwol tal-Kunsill fl-iżgurar tar-rispett tal-istat tad-dritt fil-qafas tat-Trattati. Tali approċċ għandu jkun bla ħsara għall-prinċipji ta' kompetenzi mogħtija, kif ukoll ir-rispett għall-identitajiet nazzjonali, inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali tagħhom, u għandu jitwettaq fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera.

15. Il-Kunsill għandu jkollu rwol ewlieni sabiex jikkontribwixxi għal fehim komuni dwar il-konformità mal-istat tad-dritt f'konformità mat-Trattati.

16. Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu l-għan li jinkoraġġixxi l-kultura tar-"rispett għall-istat tad-dritt" permezz ta' djalogu kostruttiv bejn l-Istati Membri. Dan jista' jsir bil-promozzjoni tad-djalogu politiku fil-Kunsill b'rispett għall-prinċipji ta' oġġettività, nondiskriminazzjoni, trattament ugwali, fuq approċċ mhux partiġġjan u bbażat fuq l-evidenza.

    Id-djalogu politiku għandu jiġi żviluppat b'mod sinerġetiku, b'kont meħud tal-istrumenti eżistenti u l-għarfien espert f'dan il-qasam.

[12] Dok. 11258/1/14.

Għal dan il-għan, il-Presidenza Taljana tistieden lill-Ministri għal skambju ta' fehmiet dwar il-punti li ġejjin:

a) Il-Ministri jaqblu mal-konsiderazzjonijiet espressi hawn fuq (punti 14, 15 u 16)?

b) Kif jistgħu jiġu żgurati l-prinċipji taħt il-punt 16? Kif jistgħu dawn il-prinċipji jsiru effettivi fil-prattika?

c) Liema sorsi ta' informazzjoni jistgħu jitqiesu bħala ta' valur u affidabbli?

d) Liema għandhom ikunu l-modalitajiet ta' dan id-djalogu (pereżempju darba fis-sena, fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali mħejjija mill-Coreper)?